MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2007

Avviz Numru. 73/2006

**Charlene Micallef**

**vs**

**Karl Francica**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attrici fit-8 ta' Marzu, 2006 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm2130, bilanc minn somma akbar rapprezentanti din is-somma, self lilu maghmul precedentament.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Karl Francica fejn eccepixxa:

1. Illi l-pretensjoni ta' l-attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dana stante illi l-flus li setghu ghaddew minghand l-attrici ghal ghand il-konvenut ghaddew taht titolu gratuitu u mhux taht titolu ta' self hekk kif hemm imnizzel fir-rikors promotur u dana hekk kif se jipprova l-istess konvenut waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

2. Illi fi kwalunkwe kaz il-konvenut jecepixxi illi huwa m'ghandu jbati l-ebda spejjez ta' dina l-istanza u dana stante illi huwa qatt ma gie interpellat biex ihallas din is-somma qabel il-prezentata ta' dina l-kawza.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-attrici ltaqghet mal-konvenut fit-2001. Bdew johorgu flimkien, saru gharajjes u anke giet iffissata l-gurnata tat-tieg. Matul l-gherusija l-konvenut wera x-xewqa li jixtri karozza partikolari. Mar il-bank sabiex jiehu self, izda peress li l-bank deherlu li l-konvenut ma kienx affidabbli u dana wara kien hemm xi kwistjonijiet meta l-partijiet kienu hadu l-"home loan" mill-istess bank, allura l-attrici applikat ghas-self f'isimha. Dana gie accettat u fl-10 ta' Mejju 2004 iffirmat il-ftehim ghas-somma ta' elfejn u disa' mitt lira pagabbli hamsa u hamsin lira fix-xahar. Fl-istess gurnata tal-ftehim ammonti ta' flus gew irtirati u skond l-attrici tat lill-konvenut tlett mitt lira biex bih seta' jhallas xi dejn illi l-konvenut kellu fuq karozza ohra. Hallsu tlett mitt lira depozitu fuq il-karozza u finalment elfejn mitejn u hamsin lira lil Luke Piscopo permezz ta' cheque bl-istess data ta' l-10 ta' Mejju tal-2004.

F'Lulju 2005 il-konvenut iddecieda illi ma jkomplix bl-eghrusija u ma kompliex ihallas il-pagamenti rateali illi kienet tircievi l-attrici minn ghandu. Jidher illi kien hemm xi haga mhux sew f'din il-karozza peress illi wara xi ftit giet

elevata mill-Pulizija u gie investigat l-istess konvenut u ommu dwar il-provenjenza tal-istess vettura. Sussegwentement irrizulta illi l-konvenut u ommu ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-kwistjoni illi kien hemm fuq il-vettura, pero' fl-istqarrija li l-konvenut ghamel lill-Pulizija ddikjara car u tond illi *"kienet ghogbitni u hallast elfejn u hames mitt lira permezz ta' cheque mill-bank li ghalih ghamlet tajjeb l-gharusa tieghi Charlene Micallef li hi mill-Imsida."* (fol 18).

Omm il-konvenut Marthese Vella a fol 21 ukoll fl-istess investigazzjonijiet tghid lill-Pulizija li *"it-tifel hallas permezz ta' cheque mill-bank u li ghamlet tajjeb ghalih l-gharusa tieghu li jisimha Charlene Micallef".* Luke Piscopo a fol 59 ikkonferma l-kopja ta' l-ircevuta li hemm esebita a fol 30 u jiftakar illi huwa kien ghadda t-transfer u ghamilha fuq isem il-konvenut. Ma kienx hemm problemi fuq dan in-negozju.

Skond il-konvenut il-karozza tathielu l-attrici bhala rigal *"...basta jiena nibqa' maghha.."* Jikkonferma li mal-bank ma kienx affidabbli u kien ghalhekk li kienu ftiehmu illi l-loan tehodha l-attrici. Jikkonferma li huwa hallas seba' mitt lira fuq il-karozza (fol 72) pero' meta hassru ma kienx hemm ftehim illi kellu jerga' jaghtihom lura. Fl-istess xhieda jkompli jghid li fuq il-karozza qatt ma ta xejn u s-seba' mitt lira li semma qabel kien ghad-depozitu tas-sala tat-tieg. Gie spjegat li l-partijiet kienu ftiehmu illi min minnhom kellu jhassar l-eghrusija jitlef id-depozitu tat-tieg u peress li kien il-konvenut li hassar l-eghrusija, allura kien spetta ghalih biex ihallas dan id-depozitu.

Marthese Vella omm il-konvenut a fol 87 kienet pjuttost neboluza u konfuza fix-xhieda taghha. Ghall-ewwel tghid li t-tifel kien qalilha li ta seba' mitt lira ghall-karozza izda mbaghad donnu rega' bdielha u qalet li ma kienetx taf ghal xhiex tahhomlha. Bhalma qal fl-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut baqa' dejjem jinsisti illi l-karozza kienet tathielu b'donazzjoni u ghalhekk ma kellu l-ebda dritt jirrifondi lura l-flus li l-attrici kienet isselfet mill-bank.

Ikkunsidrat:

L-istitut tad-donazzjoni huwa regolat bl-Artikoli 1753 et sequitur. Jibda biex jinghad li *"id-donazzjoni hija nulla jekk ma ssirx b'att pubbliku."* Is-subinciz 2 ighid pero' li dana ma japplikax ghal *"rigali li jinghataw minn id ghal id, ta' flus jew ta' hwejjeg mobbli korporali ohra, jew ta' titoli ghal portatur, jekk is-somma jew il-valur taghhom tkun zghir, meta jitqies il-kondizzjoni tal-persuni u cirkostanzi ohra."* Ghalhekk biex il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni jekk l-attrici setghetx taghmel donazzjoni f'dawn ic-cirkostanzi trid tara l-kondizzjoni tal-persuni li huma nvoluti f'dan it-trasferiment.

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx dubbju illi meta wiehed jikkonsidra l-istil tal-hajja tal-partijiet, donazzjoni ta' vettura fl-ammont ta' elfejn u disa' mitt lira ma tistax titqies bhala xi haga zghira. Fil-fatt kienet tant cirkostanza serja li l-attrici, biex tissodisfa x-xewqa tal-konvenut, kellha tiehu self formali mill-bank li kellu jithallas lura b'rati stabbiliti. Il-Qorti ma haditx l-impressjoni illi l-attrici hija xi tfajla li tonfoq il-flus bl-addocc, anzi l-oppost. Hija tfajla biezla illi taf tqis x'ghandha u m'ghadhiex u kif tista' thallas lura l-obbligazzjonijiet taghha.

Il-konvenut min naha l-ohra ma tantx huwa xi bniedem affidabbli. Dana gie affermat mir-rifjut tal-bank li johrog self fuqu, wara li milli jidher kien hemm xi problemi fuq il-loan facility illi kien sar sabiex il-partijiet jixtru d-dar matrimonjali taghhom, fejn hawn ukoll l-attrici spiccat tigbor il-bicciet u thallas lill-bank hi. Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma jidhirliex illi dan ix-xiri ta' karozza kellu jitqies bhala xi haga zghira minghajr il-formalitajiet ta' att pubbliku. Il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni illi ghalhekk it-trasferiment tal-flus sabiex tinxtara l-karozza ma kellhiex titqies bhala donazzjoni peress illi m'ghandhiex il-formalitajiet rikjesti mill-ligi. Dan apparti l-fatt li l-Qorti hija konvinta illi l-konvenut irid iqarraq u japrofitta ruhu mis-sitwazzjoni u ma jroddx lura dak li huwa obbligat li jrodd lill-attrici.

Il-konvenut jaf sew kif akkwista l-karozza. Min tah il-flus u min ha l-loan u jaf ukoll ic-cirkostanzi kollha ta’ l-gherusija taghhom, kif kien hu li hassar l-gherusija u kif issa ried japrofitta ruhu mill-generozita’ ta’ l-attrici meta din lanqas dehrilha li kellha tghid lill-genituri taghha bl-arrangament li ghamlet mal-konvenut peress illi bir-ragun, kienu ser ihossu ruhhom preokkupati illi binthom issellef dawk l-ammonti ta’ flus lil persuna minghajr garanziji ta’ xejn. Omm l-attrici tixhed illi kienet omm il-konvenut l-ewwel li qaltilha bis-self ghal xiri tal-karozza u li staqsietha jekk binha kienx hallas lill-attrici. (ara xhieda Mary Grace Micallef fol 31). Min nahha l-ohra l-attrici hija grafika u cara fix-xhieda taghha u hija veritjera fic-cirkostanzi tal-kaz. Il-versjoni taghha tinkwadra sew fid-dokumenti li gew esebiti u c-cirkostanzi ta’ l-gherusija u r-relazzjoni personali li kien hemm bejn il-partijiet.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ t-talba ta’ l-attrici. Tikkundanna lill-konvenut ihallasha l-ammont ta’ Lm2130, bilanc minn somma akbar rapprezentanti self maghmul mill-attrici lill-konvenut. Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-avviz kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------